# KARBA TA' SULDAT

*Ta' LOUIS BUTTIGIEG*

Faqqgħet il-gwerra
U fuq ix-xwiek konna, ħerqana
Biex nagħmlu minn qalbna kull sagrifiċċju.
U l-armi qerrieda tawna f'idejna,
Biex għal bnedmin bħalna, naħbtu bil-qilla
U dan ħassejna li kien ġieh kbir.
Għall-amar weġibna u morna nissieltu,
Nitbiċċru, nitqatlu fi xmajjar ta' demm.
Eluf u eluf ħajjithom tilfu;
Eluf u eluf baqgħu ħajjin;
Min zopp, min agħma u min mifluġ.
Minn moħħna l-ħsieb għadda,
Li dak li għamilna sewa xi ħaġa;
Li dak li għamilna ma kienx għal xejn.
Il-gwerra saret għal ġieh il-ħaqq.

U nafu issa kemm konna mqarrqa,
Għax ġieh il-ħaqq ma kien hemm qatt.
Konna biss pupi bl-ispaga mġebbda
Min-nies setgħana, mimlija regħba.
Qlub il-kefrija mimlija frugħa,
Għad-demm għatxana, f'dagħdigħa ġenn.
U minn li għadda ma tgħallmu xejn.
Bla rażan għadha taħkem ir-regħba
W għadhom isaltnu fost il-bluhat.
Fl-imħuħ iħawdu, fl-imħuħ igerfxu
Kliem ta' bla siwi, gideb tnassis.

Ieqfu! Ieqfu ngħidilkom!
M'intomx tisimgħu l-karba tiegħi!
M'intomx tarawni kif jien mifluġ!
M'intomx tisimgħu l-krib ta' sħabi,
Ta' dawk l' għal dejjem baqgħu bla dawl!
Insejtuhom lil sħabi l-oħra,
Li fl-aħjar tagħhom tilfu ħajjithom
U ġew midfuna 'l bogħod minn arthom,
Ġewwa l-egħlieqi taħt il-pepprin?
Ieqfu! Sikktu l-kliem fieragħ
Li minnu l-bniedem ma jieħu xejn.
Tkellmu jekk tridu, 'ma kunu rġiel veri;
Tkellmu bis-sewwa għal ġieh il-ħaqq.
Tissuktawx iżjed fil-qerq u l-gideb,
Għax terġgħu titfgħu lid-dinja kollha
F'baħar ta' niket; f'baħar ta' hemm.